

# Katechein

Issue: 4/19

## Niskandaljaw biex Niġġeddu

Papa Franġisku qiegħed il-ħin kollu jsejjaħ lill-Knisja biex tiġġedded, u biex f'dan it-tiġdid issir tixbah aktar lil Ġesù Kristu. Aħna wkoll bħala katekisti u edukaturi għall-fidi imsejħin biex il-ħin kollu niġġeddu aħna bħala nsara, biex b'hekk inkunu nistgħu ngħinu lill-oħrajn jiġġeddu fi Kristu. Hu propju b'dan il-għan li fl-aħħar numru ta' KATECHEIN kont ħabbart li fl-ewwel xhur tas-sena 2020 se nagħmlu Kungress Kateketiku. B'hekk aħna u intom, il-katekisti, ninġabru flimkien biex naraw f'liema direzzjoni sejrin u jekk din hix id-direzzjoni li fiha tassew nixtiequ naslu.

Id-data li fiha se jsir dan il-Kungress Kateketiku hija s-Sibt 28 ta' Marzu 2020, u se jsir Dar San Ġużepp, Sta Venera. Il-ħsieb huwa li nagħmlu ġurnata sħiħa flimkien li fiha nirriflettu, naħsbu u nitkellmu fuq il-katekeżi, u fuq kif nistgħu naqdu aħjar il-missjoni afdata f'idejna.

Għal dan il-Kungress huma mistiedna l-katekisti kollha. Aktar 'l quddiem nagħtu wkoll informazzjoni biex tkunu tistgħu tapplikaw ħalli tattendu għal dan il-Kungress.

Ftit tal-ġimgħat oħra nibdew ukoll nippreparaw biex nidħlu fil-misteru tal-Milied. J'Alla dan il-misteru tal-Inkarnazzjoni jerġa' jnissel fina sens ta' gratitudni għall-imħabba u l-fiduċja li Alla wera' fina l-bnedmin meta bagħtilna lil Ibnu biex isalvana. Minn issa nawgura lilkom u lill-familji tagħkom Milied hieni u sena tajba.

**Rev. Dr Carl-Mario Sultana**
**Deleġat għall-Katekeżi**

*carlmario.sultana@maltadiocese.org*
*7960 3872*

Nixtiequ li nwasslu KATECHEIN għand il-katekisti kollha. Jekk tafu b'katekisti li għal xi raġuni jew oħra m'humiex qed jirċevuha, għidulhom jibgħatulna email fuq info.katekezi@maltadiocese.org